KLR 44/VI/2013

Minuti tal-laqgħa li nżamm et fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Rabat Citta' Victoria nhar it-Tlieta 19 ta'Frar 2013 fis-18.15.

PREŻENTI: Il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Is-Sindku Dr.Samuel Azzopardi u Joseph Debrincat.

Il-Viċi Sindku ppresieda l-ewwel l-laqgħa.

**1.** Intaqalet talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. Mozzjoni f'isem il-membri.**

Mozzjoni numru 64 ġiet imressaqqa mill-kunsillier Buttiġeiġ u ssekondata mill-kunsillier Portelli.

**Mozzjoni Numru 64**

**Qed nitlob f'isem ir-residenti ta' blokk G, blokk HA u blokk HB li huma ħdejn xulxin biex isiru *parking bays* quddiemhom ħalli jkun hemm parkeġġ sew u ma jintilifx spazju. Ta' min jgħid li kważi quddiem kull blokk hemm il-*parking bays* u dawn l-istess residenti qed jitlobu biex isir l-istess quddiem tagħhom.**

Il-membri qablu ma dan u ser isiru pjanti mill-Perit biex tiġi approvata mit-Tansport Malta (TM).

**3. Proġett – *ERDF 249 – Setting of an Integral, Archaelogical and Historical Trail in Victoria***

Is-Segretarju Eekuttiv għarrfet lill-preżenti li l-offerta tal-*Project Adminstrator* għalqet it-Tnejn 18 ta' Frar 2013 pero' din ma ntefgħet minn ħadd. Fuq parir tal-PPCD din l-offerta għanda tiġi riveduta u mbgħad terġa tinħareġ.

L-offerta tad-dawl ta' dan il-proġett għalqet fit-28 ta' Jannar 2013 u d-dettalji jinsabu f'dokument A.

## *4. Victoria Playing Field*

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Public Contracts Review Board (PCRB) rigward l-appel fuq l-offerta tal-kostruzzjoni tal-*playing field* li ressaq Gatt Tarmac Ltd. Id-deċiżjoni tal-PCRB hi li dan l-appell ma jistax jiġi aċċettat peress li ma sarx fil-ħin. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li saret l-ewwel laqgħa tal-bord ta' aġġudikazzjoni tal-offerta tal-*Contracts Manager* tal-proġett tal-*playing field*.

## 5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2012

L-*Accountant* John Buttiġieġ ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spejaga l-*financial statments* kif ser jiġu ppreżentati lill-Awditur Ġenerali u rrisponda l-mistoqsijiet li saru mill-kunsilliera. Id-dokument ġie approvat kif inhu f'dokumnet B anness.

## 6. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand

6.1 Transport Malta (TM) rigward:-

6.1.1 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quidiem M'Antonia Farruġia, 98, Triq L-Arċisqof Pietru Paċe. Il-bord irreveda dan il-kas u żamm mad-deċiżjoni oriġinali, li jsir 1.5m *keep clear bay*;

6.1.2 it-talba għal-Żona A fl-*area* tal-Far. It-TM għarrfet lill-membri li din it-talba għad qed tiġi studjata;

6.1.3 Il-Bord ta' Evalwazzjoni - Skema Attivitajiet Sportivi – 2013, ġiet approvta s-somma ta' €2,560;

6.2 il-Minsteru għat-Turiżmu, Kultura u Ambjent rigward il-premju European Destinations of Execellence;

6.3 Paul M Cassar li bgħat kopja ta' korrispondenza li bgħat lill-Pulizija rigward il-ħinijiet tal-egħluq ta' Triq Vajringa qabel tibda l-iskola;

6.4 it-Tabib Teddie G.Farrugia rigward talba għal-*double yellow lines* quddiem id-dar ta' Luċia Debrincat ta' 12, Triq il-Librerija. Il-membri qablu li jintalab il-permess tat-TM anke'minħabba l-fatt li ma din id-dar m'hemmx bakina u l-vetturi jipparkjaw b'mod li din ir-residenta ma tkunx tista' toħroġ jew tidhol id-dar;

6.5 Carmel Grech li talab żewġ parkeġġi riservati qrib William's Vet Surgery ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Il-membri qablu li jintalab il-parir tat-TM;

6.6 Raymond Grech li talab *single one meter yellow line* mal-ġnub tal-garax tiegħu ta' 93/95 Triq Sant' Ursola. Il-membri qablu li jintalab il-permess tat-TM sabiex isir *one mtere single yellow line* n-naħħa ta' fejn għandu l-bieb tad-dar tiegħu stess;

6.7 in-Nutar Anthony Stellini li kiteb għan-nom ta' Sammy Rapa li għandu van li minnha jbiegħ il-ġelat fejn it-taraġ tat-Telgħa tal-Belt. Dan qed jitlob permess biex ikun jista' jarma f'dan il-post. Hu għandu l-permess ta' *Street Hawker.* Il-membri ma qablux li dan il-post għandu jkun riservat b'mod permanenti għal ebda' *street hawker*;

6.8 Dr. Robert Xuereb li kien talab għall-*one metre single yellow line* biswit il-garaxx tiegħu fi Triq Pompei. Il-Kunsill kien talbu jġib bil-miktub in-*no objection* ta' sid il-porpjeta' ta'maġenb il-garaxx tiegħu. Dr. Xuereb oġġezzjona għal dan u qal li t-triq hi propjeta' tal-Kunsill;

6.9 Anthony Vella li bagħat kopja tal-oġġezzjoni li għamel fuq id-deċiżjoni tat-TM rigward it-talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Salton' Triq Ġuże' Labre';

6.10 Pauline Camilleri li qed titlob *area keep clear* quddiem ir-residenza ta' missiera li għandu diżabilita' u li joqgħod 'Shalom', Triq Forn il-Ġir;

6.11 Filomena Attard li qed titlob area keep clear quddiem ir-residenza tagħha fi Triq Għajn Qatet kantuniera ma triq 8 ta' Diċembru. Dan peress li oħtha qed tghix magħha u li għandha diżabilita'.

6.12 Dr. Mario Scerri għan-nom ta' Debbie Theuma Scerri rigward inċident li seħħ qrib il-grawnd Leli Farruġia fi Triq l-10 ta' Ġunju 1887 b'riferenza għal-ittra li kienet bgħatet l-Avukat tal-Kunsill fl-4 ta' Frar 2013. In vista tal-*breakdown* mibgħut mill-legali tas-Sinjura Theuma Scerri, il-Kunsill qiegħed mingħajr ma jammetti ebda' responsabblita' legali, japprova r-rimbors tad-dani subiti mis-Sinjura Theuma Scerri. Dan il-pagament qed jigi approvat biss bil-kundizzjoni li S-Sinjura Theuma Scerri tiffirma dikjarazzjoni li hija ma fadlilha l-ebda' pretensjoni legali fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali. L-ammonti huma €3,988.80 f'danni rikjesti u €150 spejjes legali.

**7. Materji Oħra**

Il-membri qablu li:-

7.1 tiġi ememdata l-pjanta tal-bankin u r-*road markings* fi Triq Wied il-Lunzjata kantuneira ma Triq Kerċem. Dan biex it-trukkijiet ikunu jistgħu idawru. Din se tiġi approvata mit-TM;

7.2 l-*area* ta' wara blokk A, FA u FB, tiġi sorveljata aktar mill-gwardjani lokali peress li qed ikun hemm diversi pparkjar illegali;

7.3 jerġa' jintalab lill-Ministeru għal Għawdex biex issir bozza ġdida qrib 'The Promise' fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

7.4 l-Kunsill jgħin fil-loġistika ta-Tiġrijiet taż-Żwiemel li se jsiru fil-festa ta' San Ġroġ t'April;

7.5 l-Kunsill jipparteċipa għal darb'oħra fit-Torneo Del Delta del Po fl-Italia permezz tat-timijiet tal-*volleyball* u tal-*basketball;*

7.6 l-pagament pendenti ta' John Grima rigward ix-xogħol li għamel fuq id-disinn u l-funtana ta' Pjazza San Ġorġ jibda jitħallas ftit ftit. Dan ix-xogħol kien ordnat mill-Kunsill preċedenti;

7.7 l-irħama u ċ-ċerimonja f'ġieħ Aġius De Soldanis fi Pjazza San Ġorġ tiġi finanzjata mill-Kunsill. Dan minħabba li Aġuis De Soldanis hu iben denju tar-Rabat li m'għandux familjari;

7.8 ssir bankina ġdida fi Triq il-Mitħna quddiem ir-residenza ta' Jacob Vella;

7.9 jsir *cement* f'xi ħofor li hemm fi sqaq fi Triq Dun Pawl Micallef.

7.10 Il-membri qablu li ssir talba lit-TM għall-*un/loading bay* oħra fi Pjazza San Franġisk qrib Triq Palma.

7.11 Il-membri ġew mgħarrfa li sid il-dar fejn hemm in-niċċa tad-Duluri fi Triq Karita' ma qablitx li din tġi restawrata.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm u l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2013 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |